# Il-Ħadd 27.09.2020

1. Illum 27/09, *il-Jum Dinji ddedikat lill-Immigranti u Refuġjati*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu b'mod speċjali lill-għalliema li huma jew joqgħodu fil-Parroċċa tagħna, u lit-tfal kollha biex jiġu sabiex fl-aħħar tal-quddiesa nagħmlu talba tal-barka hekk kif daqt tibda sena skolastika u edukattiva ġdida, żgur mimlija sfidi, kif diġa qed turina. Biss nawguraw sena ta' edukazzjoni u formazzjoni tajba.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
2. It-Tlieta 29/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali fiċ-Ċentru Parrokkjali.
3. Il-Ġimgħa 2/10, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
4. Is-Sibt 3/10:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Abbatini.
5. Il-Ħadd 4/10, niċċelebraw il-**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   - Il-ġbir li jsir fil-quddies ta' dan il-jum ser jkun "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.
   - ***Il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fil-5:30pm, u mhux fis-6:00pm.***
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kappillan Kan. David Farrugia,<br>bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda,<br>bit-tberik ta' kuruni tar-Rużarju, u animata mill-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:30pm - Rużarju li jintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

   N.B. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:<br>Filgħodu - qabel il-quddiesa tas-7:30am; Filgħaxija - fis-6:00pm.
6. Avviżi oħra:-
   - L-Uffiċċju Missjunarju javża li matul il-jiem li ġejjin ser tirċievu bil-posta l-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom marbuta ma' Jum il-Missjoni li ser niċċelebrawh nhar il-Ħadd 18/10. Filwaqt li jħeġġiġna biex inkunu ġenerużi, jgħarrafkom li għandkom tibgħatu l-offerta tagħkom lill-Uffiċċju Missjunarju jew tgħadduha lill-Kappillani, bħalma jiġri s-soltu.
7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Illum 27/09, mit-8:30am sas-1:00pm, il-Mobile Blood Donation Unit ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tagħna sabiex tkunu tistgħu tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - L-aħħar sejħa għal min għalaq l-55 sena kif ukoll dawk li għandhom xi kundizzjoni kronika u jixtiequ jibbukkjaw it-tilqima kontra l-influwenza sabiex iċemplu l-Kunsill Lokali fuq 21689168 sa' nhar it-Tlieta 29/09. Dawk li għandhom aktar minn 65 sena u persuni b'diżabilità *li ma joħorġux mid-dar* u joqogħdu Ħal Safi, jistgħu jibbukkjaw għat-tilqima wkoll u tiġi n-ners id-dar tagħhom b'appuntament.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 135 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 15 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief<br>fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.